



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

11.10.2011

B7-0535/2011

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-tnejnija tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (it-23 ta' Ottubru 2011)

**Kay Swinburne, Ryszard Czarnecki, Ryszard Antoni Legutko,  
Tomasz Piotr Poręba, Tadeusz Cymański, Konrad Szymański**  
f'isem il-Grupp ECR

RE\880026MT.doc

PE472.720v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**B7-0535/2011**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-tħejjija tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (it-23 ta' Ottubru 2011)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Settembru 2010 (EUCO 21/1/10 REV1),
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 dwar Ewropa 2020, strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv (COM(2010)2020).
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-mexxeja tal-G20 waqt is-Samits tal-G20 li saru f'Washington fl-2008, f'Londra u f'Pittsburgh fl-2009, u f'Toronto u f'Seoul fl-2010,
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tat-23 ta' Settembru 2011 tal-Ministri tal-Finanzi G20 u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali f'Washington DC, l-Istati Uniti tal-Amerika,
  - wara li kkunsidra l-prijoritajiet tal-Presidenza Franċiża tal-G20 għas-Samit li għandu jsir fit-3 u l-4 ta' Novembru 2011 f'Canes, Franza<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-kriżi finanzjarja li nfixxet fid-dinja kollha fl-2008 amplifikat id-defiċits pubbliċi ta' qabel il-kriżi fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE, u għet segwita minn tensjonijiet fis-swieq tad-dejn sovrani f'dawk l-Istati Membri li l-aktar għandhom dejn, bħalma huma l-Greċja, il-Portugall u Spanja;
- B. billi l-istrateġiji għall-ħruġ mill-kriżi tal-Istati Membri tal-UE li għandhom defiċits kbar jiffokaw fuq l-implimentazzjoni ta' programmi ta' awsterità u fuq it-tlestija tar-riformi strutturali meħtieġa bl-għan li l-kompetittività fuq saqajha u jsaħħu t-tfaddil domestiku;
- C. billi l-aspetti esterni tal-politika ekonomika tal-Unjoni jiddependu ħafna fuq il-kapaċità tal-Unjoni li terġa' tirbaħ il-kunfidenza fl-ekonomija tagħha u tattira l-investment dirett barrani meħtieġ f'setturi ta' valur miżjud kbir li jistgħu jiġġeneraw impjiegi ta' kwalità; billi biex dan l-għan ewlieni jkun sostnut fil-qasam domestiku, l-Istrateġija UE 2020 tirrakomanda li 3% tal-PDG tal-UE (dak pubbliku u privat f'daqqa) jiġi impenjat fir-Riċerka u l-Iżvilupp u fl-innovazzjoni sabiex jiġi żgurat tkabbir sostenibbli fil-futur;

---

<sup>1</sup> <http://www.g20-g8.com/g8-g20/g20/english/priorities-for-france/the-priorities-of-the-french-presidency/the-priorities-of-the-french-presidency.75.html>

- D. billi t-tneħħija jew it-tnaqqis ta' ostakoli mhux tarriffarji għall-kummerċ li mhumiex ġustifikati u ostakoli regolatorji oħra tal-pajjiżi sħab strateġiċi ewlenin tal-UE permezz ta' djalogu regolatorju għandha tkun waħda mill-prijoritajiet regolatorji ewlenin tal-politika kummerċjali l-għdida tal-UE skont l-Istrateġija Ewropa 2020; iqis bħala inġustifikat kull ostaklu li jirriżulta mill-implimentazzjoni inkoeerenti ta' regoli kummerċjali bilaterali, plurilaterali u multilaterali;
- E. billi s-sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, stabbilita permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), tibqa' l-aktar qafas adattat għar-regolamentazzjoni u l-promozzjoni ta' kummerċ miftuħ u ġust, għalhekk, l-UE għandha tibqa' tagħti prijorità lill-ksib ta' riżultat ibbilanċjat fl-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (DDA), li se ssostni l-integrazzjoni tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u b'mod partikolari l-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) fis-sistema kummerċjali internazzjonali;
1. Ifakkar li l-UE għandha "titkellem b'vuċi waħda" u timpejna ruħha flimkien ma' atturi globali oħra fi ħdan il-G20 sabiex flimkien jiddefinixxu u jippromwovu l-kummerċ miftuħ u ġust, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, governanza tajba u d-dritt tal-istat, l-iżvilupp sostenibbli, kif ukoll jiġġieldu kontra l-korruzzjoni, il-frodi tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u r-rifuġji fiskali;
  2. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenji kontinwi tal-G20 biex isaħħaħ l-integrità u t-trasparenza tas-suq finanzjarju u jħeġġeġ jimplimenta l-Pjan ta' Azzjoni Kontra l-Korruzzjoni adottat is-sena l-oħra matul is-Samit tal-G20 f' Seoul;
  3. Isostni l-G20 fl-isforzi tiegħu biex jirregola s-swieq tad-derivattivi tal-komoditajiet; iqis li n-nuqqas ta' regolamentazzjoni tajba f'dan il-qasam qiegħed jipperikola s-sigurtà tal-ikel u l-istabbiltà tal-prezzijiet tal-ikel fid-dinja kollha, u, b'mod partikolari, għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li bilkemm jistgħu jifilħu għall-pressjonijiet tal-inflazzjoni, għall-iskarsezza tal-ikel u għall-instabbiltà tal-prezzijiet li jirriżultaw; jifraħ, għalhekk, lill-Presidenza Franċiża tal-G20 talli inkludiet il-ħtieġa li tiġi indirizzata l-volatilità tal-prezzijiet fis-swieq agrikoli u għall-ġlieda kontra l-abbuż tas-suq fost il-prijoritajiet għas-Samit ta' Novembru 2011 f' Cannes;
  4. Ifakkar lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni li, sabiex jintlaħqu l-benefiċċji ta' koordinazzjoni aħjar tal-baġits pubbliċi u oqfsa fiskali għaċ-ċittadini Ewropej, il-baġit tal-UE u l-Qafas Finanzjarju Multiannwali għandhom ikunu soġġetti għal regoli ugwalment stretti ta' trasparenza, kontabilità, u responsabbiltà ta' rendikont, kif issa qiegħed jintalab bħala parti mis-Semestru Ewropew għall-baġits nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE kollha;
  5. Jitlob li jsiru testijiet tal-istress fuq il-banek Ewropej u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni, inkluż il-BEI, biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet finanzjarji ikunu kapitalizzati b'mod adegwat u jimplimentaw bis-sħiħ Basel III skont l-iskedi ta' żmien miftehmin; f'dan ir-rigward, iqis li l-istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji Ewropej għandhom ikunu regolati aħjar ukoll;
  6. Jinnota r-rikonċentrazzjoni tal-atturi fis-suq finanzjarju, kif uriet l-aħbar riċenti tal-amalgamazzjoni ta' fornituri tal-infrastruttura tas-suq; jitlob, f'dan ir-rigward, li l-BERS

isegwi mill-qrib l-iżvilupp ta' kull riskju sistemiku minħabba konċentrazzjoni fis-swieq finanzjarji;

7. Jenfasizza li l-konsolidazzjoni fiskali jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn miri makroekonomiċi fit-tul definiti b'mod ċar, inklużi dawk identifikati mill-istrateġija Ewropa 2020, speċjalment rigward il-ġlieda kontra l-qgħad u l-faqar, iż-żieda fil-kompetittività ġenerali kif ukoll l-investment fl-infrastruttura u f'ekonomija bbażata fuq l-għarfien; jinnota li r-restrizzjonijiet baġitarji li, minn perspettiva ta' żmien qasir, jistgħu jilhqgħu l-għan li jreġġgħu lura d-dixxiplina tal-baġit, jistgħu, jekk jiġu imposti mingħajr strateġija mhux definita tajjeb, jipperikolaw il-prospetti ta' tkabbir, inaqqsu l-kompetittività u jkunu ta' ħsara kbira għall-ekonomija fit-tul;
8. Jenfasizza l-importanza tal-aċċess tal-industrija tal-Unjoni Ewropea inġenerali għall-materja prima, speċjalment iż-żejt, il-gass u l-metalli rari, u jistieden lill-Kunsill Ewropew u lill-Kummissjoni biex jimpenjaw ruħhom b'mod attiv mas-sħab kummerċjali strateġiċi tagħna fil-fora internazzjonali rilevanti kollha bl-għan li jikkonkludu ftehimiet kummerċjali bilaterali fit-tul li jkunu kompatibbli mad-WTO, biex jiggarrantixxu l-provvista kontinwa ta' dawn ir-riżorsi vitali;
9. Jenfasizza l-hteġa li titħaffef l-integrazzjoni tal-Istati Membri ġodda fis-suq tal-enerġija komuni tal-UE u l-iżvilupp ta' netwerks intelliġenti bil-kooperazzjoni tal-ġirien tagħna; jenfasizza li l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, bħall-enerġija solari, ir-riħ, il-bijomassa, u l-idroenerġija fuq skala żgħira għandhom ukoll jiġu promossi u integrati fit-taħlita enerġetika proprja ta' kull pajjiż;
10. Jistieden lill-Kunsill Ewropew biex iqis ir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-Konferenza dwar it-Tibdil fil-Klima f'Durban (COP 17) li se ssir mit-28 ta' Novembru sad-9 ta' Diċembru 2011;
11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Presidenza Pollakka tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern tal-pajjiżi tal-G20.